MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 163/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Stephen Gatt)**
**Vs**
**Bartolomew Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta’ Jannar, 2010 ghall-habta ta’ 00.15 hrs bhala l-persuna li f’ismu ghandu l-licenzja tal-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta’ Brown’s Bar, li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan ippermetta tfal taht is-sbatax-il sena biex jidhlu fil-post imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Marzu, 2010, li biha, wara li rat ir-regolament 6(1)(4) u 15 tal-Avviz Legali 124/95 kif emendat sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghall-multa ta’ mitejn Ewro (€200). Rat ukoll l-artikolu 30

tal-Kap. 9 u stante r-repettitivita` tal-imputazzjoni fil-konfront tal-appellant, ordnat li l-licenzja tal-fond in dizamina tigi sospiza ghal perjodu ta' xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' April, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah skond il-ligi mill-imputazzjoni, htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi kif irrizulta mix-xhieda prodotta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-appellant huwa biss licencee u mhux proprjetarju tal-hanut “Browns” jew impjegat tal-proprjetarju tal-istess ai termini tal-Ligi Sussidjarja 10.40 (Avviz Legali 124/95 kif emendat), u ghalhekk ma kellux l-obbligu illi jaccerta illi ma jithallewx nies ta' eta` inferjuri minn 17-il sena jidhlu fl-istess hanut.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant huwa licencee tal-hanut in kwistjoni, filwaqt illi certu Christopher Delia huwa s-substitute tieghu, b'dan illi mhux necessarju illi t-tnejn li huma jkunu prezenti fuq il-post il-hin kollu meta l-hanut ikun miftuh ghall-pubbliku, u huwa sufficjenti jekk ikun hemm biss wiehed minnhom prezenti.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali applikat l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat illi l-licenzja tal-fond in kwistjoni tigi sospiza ghal zmien xahar u dan in vista “tar-repetitivita` tal-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat”.

Illi minn dan jidher car illi dak illi immotiva lill-Ewwel Qorti sabiex tordna s-sospensjoni tal-licenzja kien ir-repititivita` tar-reat, illi madanjkollu dwaru ma tressqu l-ebda provi.

Illi ghalhekk a bazi tar-repititivita` biss, tali sospensjoni ma hix gustifikata.

Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-Regolament 15(3) tal-Ligi sussidjarja 10.40 jghid illi meta persuna li hi l-proprjetarju jew xi impjegat tieghu tinstab hatja ta’ reat taht din il-ligi, jekk dan ikun it-tieni reat jew reat iehor sussegwenti, l-Qorti ghandha tissospendi l-licenzja fuq talba tal-prosekuzzjoni.

Illi huwa kuncett ben risaput illi *lex specialis derogat lex generalis,* u ghalhekk, jekk hemm ligi sussidjarja illi tvarja dak illi tghid il-ligi generali, hija tal-ewwel illi ghandha tipprevali u tigi applikata.

Illi fil-kaz in dizamina l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stess jghid illi dak l-istess artikolu japplika “minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-tahsir jew l-iskwalifika milli zzomm jew tikseb xi warrant, licenzja .....[omissis]”

Illi konsegwentement, la l-ligi specjali – u li anke f’sens temporali giet promulgata wara dik generali – iddejjaq id-diskrezzjoni tal-Qorti fejn tidhol l-ordni tas-sospensjoni ta’ licenzja, hija dik il-ligi specjali illi ghandha tigi applikata.

Illi inoltre, ghandu jigi rilevat illi l-prosekuzzjoni m’ghamlitx talba ai termini tar-Regolament 15(3) tal-Ligi Sussidjarja 10.40 sabiex il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-licenzja, u ghalhekk il-Qorti ma setghet qatt, *suas ponte,* tghaddi sabiex tissospendi l-licenzja tan-negozju in kwistjoni ghal perjodu ta’ xahar.

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata ghal eccezzjoni preliminari mqajjma mill-Avukat Generali fil-verbal tat-18 ta’ Jannar, 2011. Fejn ecepixxa n-nullita tar-rikors ta’ l-appell minhabba l-istat konfuzjonarju tat-talba fejn qed tintalab ir-riforma u fl-istess paragrafu l-kancellazzjoni tas-sentenza.

Fil-fatt fil-paragrafu konkluzzjonali l-appellant qieghed jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata billi tithassar, tigi kkancellata u revokata…"

L-Artiklu 409 (1) tal-Kap 9 jitkellem dwar talba ghat-thassir jew ghat-tibdil izda mhux ghat-tnejn flimkien. U fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kopjuza fuq din il-kwistjoni, l-Avukat Generali jidirlu illi l-appell huwa null. Min-naha l-ohra id-difiza qeghda targumenta illi m'ghandhiex tintuza formalizmu zzejjed. It-talba hija cara u cioe illi l-appellant ghandu jigi lliberat skond il-Ligi mil-imputazzjoni dedotti kontra tieghu, u dik kellha tkun bizzejjed sabiex il-Qorti tifhem x'inhuwa il-qofol ta' l-appell u tiprocedi skond it-talba.

Ikkusidrat:

Ir-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali huma ta' ordni pubbliku u bhala tali huma sollevabbli ex-officcju mill-Qorti jew mil-partijiet fi kwalunkwe stadju tal-proceduri. Il-Qorti dejjem interpretat dawk il-kweziti bl-aktar mod strett u ricidu. Tant hu hekk, fil-kawza "Pulizija kontra Joseph Galea" deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-30 ta' Gunju 1995 intqal 'Bhala regola generali, l-Artikolu 419 (1), cioe li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza giet "very strickly and rigidly interpreted".
"Ghal kemm il-Ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghat-tibdil, fil-prassi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil purche illi din it-talba tkun subordinata ghal-ewwel wahda. Infatti, anke jekk jintalab biss ghat-thassir, il-Qorti tista' minflokk thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lil l-appellant jew issib hati lil l-appellant – skond min ikun appella – tilqa l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghal piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lil l-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, dejjem gie retenut li jekk flok talba ghal bdil issir talba ghat-thissir, ir-rikors ikun null".

“Ir-raison d’etre ta’ l-Artikolu 419 (1) (A) (B) (C) huwa simplifikazzjoni u kjarezza li l-legislatur ried li r-rikors ta’ appell ghandu jkun redatt b’ta’ li mod li mil-ewwel ipoggi kemm lil Qorti kif ukoll lil intimat fil-pozizzjoni li jkun qieghed ezatt x’inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xiex qieghed jilmenta l-appellant u x’inhu qieghed jitlob. Il-vot tal-Ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati l’hawn u l’hinn b’mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom”.
L-insenjament ta’ din is-sentenza huwa car. It-thassir jew it-tibdil huma alternattivi u ma jistghux jintalbu flimkien salkemm wahda ma tkunx subordinata ghal ohra. F’dan il-kaz l-appellant tefa’ kollox f’keffa wahda u talab il-possibiltajiet kollha bhal li kieku xi wahda sejjer jolqot. Bir-rispett, dan m’huwiex il-mod kif isiru l-atti tal-Qorti u fil-waqt li huwa minnu illi l-Qorti tiprova kemm jista’ jkun ma tkunx formali zzejjed f’certa dispozizzjonijiet li jikkoncernaw ordni pubbliku ma tistax tkun leggera u thalli kollox ghaddej.

Ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-Avukat Generali. Tiddikjara l-appell irritu u null u konsegwentement ma tiehux konjuzzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------